## 6 ta' Ġunju, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Hilda Bartolo et. *versus* Giuseppina Zammit et.

### Preskrizzjoni — Kompensazzjoni

*Għall-azzjoni tal-kreditur mhix opponibbli xi waħda mill-preskrizzjonijiet qosra, jekk id-debitur, b'att tiegħu spontanju ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik il-preskrizzjoni.*

*F'każijiet simili, il-preskrizzjoni ma tkunx ammissibbli jekk il-konvenut ikun ikkontesta l-pretiż kreditu tal-attur bħala assolutament ineżistenti; imma tkun ammissibbli jekk id-debitur jikkontesta l-kreditu pretiż mill-attur minn għandu, bħal meta hu jammetti l-kreditu pretiż mill-attur, imma jallega li dak il-kreditu mhux dovut minnu għax kompensat.*

*Anzi, meta l-konvenut mhux id-debitur oriġinarju, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija ammissibbli anki jekk hu jkun eċċepixxa qabel l-ineżistenza assoluta tal-kreditu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi l-attriċi Hilda Bartolo, għaż-żmien ta' dżatax il-sena ċirka, ċjoè sal-1948, ikkurat lill-konvenuta, irrendietilha serviġi u żborżatilha flus, u tatha ġeneri alimentari, kif jirriżulta aħjar matul il-kawża; u illi l-attur John Bartolo għall-perijodu mill-1937 sal-1948, amministra l-beni ta' l-istess konvenuta; u illi, sija s-serviġi ta' Hilda Bartolo, kemm dawk ta' John Bartolo, saru bil-promessa kontinwa minn naħa tal-konvenuta li hija tikkompensahom ta' xogħolhom billi tħallilhom l-eredità wara mewtha; u illi l-konvenuta qatgħet, ftit ilu, ir-rapporti magħhom, u ma ħallsithomx; jitolbu illi, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa, u wara li jingħataw il-provvedimenti li jkun hemm bżonn, tiġi likwidata, jekk hemm bżonn permezz ta' periti, is-somma dovuta lilhom għas-serviġi, prestazzjoni, somministraz-

zjoni u amministrazzjoni, kif jidher aħjar mill-prospett (dok. A), fis-somma hemm indikata, jew kwalunkwe somma oħra verjuri li tiġi likwidata, u kundannata l-konvenuta tħallas-hom l-istess somma. Bl-imgħax tal-5% mill-ġurnata tal-li-kwidazzjoni sal-pagament. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju. Il-konvenuta ġiet inġunta għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, b'rigward ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta nomine;

Illi għat-talba ta' l-atturi l-konvenuta Josephine Gauci opponiet il-preskrizzjoni. L-atturi jissottomettu illi din il-preskrizzjoni mhix ammissibbli, u, f'każ li hi ammissibbli, il-kors tal-preskrizzjoni għadu ma għaddiex;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi jallegaw illi l-preskrizzjoni opposta mill-konvenuta mhix ammissibbli, għaliex hi inkompatibbli mas-sistema tad-difiża adottat mill-konvenuta fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha, fejn hija kienet ammettiet il-kreditu tagħhom, biss allegat illi hija wkoll għandha tieħu ta' dak li rrendietilhom jew ipprestatilhom bħala serviġi;

Illi dina l-allegazzjoni ta' l-atturi mhix sostenibbli. Tabilħaqq, il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuta hi waħda mill-preskrizzjonijiet qosra. Jinsab assodat fil-ġurisprudenza l-prinċipju, fondat fuq l-induzzjoni loġika, li, skond is-sistema partikulari tal-kategorija ta' preskrizzjonijiet bħal dawn, għall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni jekk id-debitur, b'att tiegħu spontanju ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni. F'każi simili, skond il-ġurisprudenza l-aktar prevalenti, ma tkun ammissibbli l-preskrizzjoni jekk il-konvenut ikun jikkontesta l-pretiż kreditu ta' l-attur bħala assolutament ineżistenti; għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hi inkompatabbli ma' dik ta' l-ineżistenza assoluta tal-kreditu (Vol. XXVI-II-151; XXX-I-964). Imma tkun ammissibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur ikun jikkontesta d-debitu pretiż mill-attur minn għandu (Vol. XXVIII-I-240; XXX-I-976). Fil-

każ taħt konsiderazzjoni, il-konvenuta mhix qegħedha tikkontesta l-kreditu ta' l-atturi bħala assolutament ineżistenti; imma hija qegħda biss tikkontesta dak il-pretiż kreditu bħala mhux dovut minnha għaliex jinsab kompensat. Anzi, billi l-konvenuta f'din il-kawża mhijiex id-debitriċi oriġinali, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet tkun ukoll ammissibbli fil-każ li hija eċċepiet qabel l-ineżistenza assoluta tal-kreditu pretiż mill-atturi; u dan għar-raġunijiet żvolti fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Sacco vs. Mazzone", deċiża fis-7 ta' Ġunju, 1927, (Vol. XXVI-II-449);

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, sollevata mill-konvenuta, hi ammissibbli;

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni ta' l-atturi hi dupliċi, billi waħda tirrigwarda l-pretensjoni ta' l-attriċi, u l-oħra tirrigwarda l-pretensjoni ta' l-attur; u għalhekk irid jiġi eżaminat, għal kull azzjoni, jekk l-istess tinsabx jew le preskritta. Ma hemmx dubju illi l-preskrizzjoni għal kull każ hi dik ta' ħames snin;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi l-atturi .........
Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, opposta mill-konvenuta, mhix aċċettabbli;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, wara li tiddikjara illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq imsemmija hi ammissibbli, fis-sens li l-konvenuta setgħet topponiha, bl-ispejjeż kontra l-atturi, tirrespinġi l-istess eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta. U tirrimetti l-proċess lill-perit legali Avukat Dr. Paolo Farrugia biex ikompli jespleta l-inkariku mogħti lilu mill-Qorti bid-digriet tal-31 ta' Mejju, 1951; u għalhekk tħalli l-kawża għar-relazzjoni għas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 1955.